MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2015

Numru 416/2013

**Il-Pulizija**

**[Spettur Josric Mifsud]**

**vs**

**Victor Hili**

**Joseph Grima**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Victor Hili, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 57362G u Joseph Grima detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru:368106L, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

> F'dawn il-Gzejjer f'April 2011, u sentejn ta' qabel, b'diversi atti anke jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess

disposizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, fl-inhawi maghrufa bhala tal-Muxi, limiti tal-Qala, Ghawdex, bhala diretturi ta' Joymar Co. Limited u Road Construction Co. Limited, u fil-kapacita' taghhom infushom:

1. Ghamlu xi zvilupp fuq xi art jew hallew li jsir zvilupp fuq art, minghajr permess ghall-izvilupp kif ikun isehh meta jsir zvilupp, jew jekk l-izvilupp sar b'permess ghall-izvilupp, naqsu milli jharsu jew li jaraw li tigi mharsa xi kundizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni ohra li ghaliha l-permess huwa suggett (Artikolu 56(1)(a) Kapitolu 356);

2. Dahlu ghal xi attivita' fil-maniggjar tal-iskart minghajr permess mill-awtorita' kompetenti u bi ksur ta' tharis tar-Regolamenti tal-2001 dwar Permessi u Kontrolli fil-Maniggjar tal-Iskart (Artikolu 6 Avviz Legali 337/2001);

3. Abbandunaw, waqqghu, tefghu jew xort'ohra mmanigjaw skart mhux skont id-dispozizzjonijiet tar- Regolament tal-2001 dwar Permessi u Kontrolli fil- Maniggjar tal-Iskart (Artikolu 26(a) Avviz Legali 337/2001);

4. Qieghdu skart f'post fejn mhux suppost li jigi mmaniggjat l-iskart u li ma hux post li awtorizzat li jircievi tali skart bis-sahha ta' xi permess (Artikolu 7(3) Avviz Legali 337/2001);

5. Minghajr awtorizzazzjoni b'ligi, remghu, tefghu jew iddepozitaw xi zibel f'post pubbliku jew spazju fil-miftuh li l-pubbliku ghandu access ghalih (Artikolu 4 Avviz Legali 344/2005);

6. Hattew jew qieghdu f'periklu b'kull mezz li jkun l-istabbilita' jew is-sbuhija ta' hitan tas-sejjieh, kostruzzjoni, struttura jew fond rurali u ma hallewx l-ilma tax-xita jghaddi gieri minn gol-binja tal-hitan tas-sejjieh, jew imminaw is-sisien ta' xi hajt tas-sejjieh, kostruzzjoni, struttura jew fond rurali (Artikolu 5(2) Avviz Legali 160/1997);

7. Bhala pussessuri tal-iskart jew bhala persuni li ndahlu ghall-hidmiet li ghandhom x'jaqsmu ma' dan ix- xoghol u ghalhekk responsabbli ghall-maniggjar tal-iskart, naqsu li jizguraw li dan l-immaniggjar isir skont ir- Regolament tal-2001 dwar il-Permessi u Kontrolli fil- Maniggjar tal-Iskart. (Artikolu 7(1)(2) Avviz Legali 337/2001).

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija b'zieda ma' kull piena li tista' tigi mposta skont l-Avviz Legali 344 tal-2005, tordna lill-hatja sabiex inehhu mill-post fejn sar ir-reat, il-materjal kollu li dwaru nstabu hatja fi zmien bizzejjed ghal hekk li jigi stabbilit mill-Qorti u li fin-nuqqas tat-tharis ta' dik l-ordni, dak il-materjal jitnehha mill- Awtorita' ghas-spejjez tal-hatja.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fil-25 ta' Settembru, 2013, fejn il-Qorti illiberat lill-imputati, fuq nuqqas ta' provi, mit-tieni (2), mit-tielet (3), mir-raba' (4), mis-sitt (6) u mis-seba' (7) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom, wara li rat Regolamenti 4 u 10(1) tal- Avviz Legali 344 tal-2005, Artikolu 56(1)(a) tal-Kapitolu 356 u Artikolu 94(1)(a) tal-Kapitolu 504 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet liz-zewg imputati Victor Hili u Joseph Grima hatja tal-ewwel (1) u tal-hames (5) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom u ikkundannathom multa komplessiva kull wiehed ta' ghaxart' elef Euro (€ 10,000); ordnat lill-hatja sabiex inehhu l-kawzi tar-reat u li jreġġgħu lura kull ħaġa li tkun saret mingħajr permess fi żmien tliet (3) xhur millum u f'kaz li l-hatja jonqsu milli jħarsu din l-ordni fiż-żmien hekk stabbilit jeħlu multa kull wiehed ta' sittin Euro (€ 60.00) għal kull ġurnata li n-nuqqas ikompli wara li jiskadi l-imsemmi żmien; ordnat li t-tnehhija tal-kawzi tar-reat kif imsemmi fil-paragrafu precedenti ghandu jsir taht is-supervizjoni ta' rapprezentant tad-Dipartiment tal-Agrikoltura u dana stante illi hawn si tratta ta' numru konsiderevoli ta' sigar taz-zebbug li l-Qorti tissuggerixxi jigu mhawwla f'post iehor ladarba jkun hemm il-permessi kollha necessarji sabiex isir dan; u finalment ordnat li kopja tas-sentenza tintbaghat lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Agrikoltura sabiex jiehu konjizzjoni ta' dak ordnat u suggeriet fis- sentenza.

**3.** Rat ir-rikors tal-appell tal-imsemmija Victor Hili u Joseph Grima, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-8 ta' Ottubru, 2013, fejn talab lil din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi:

i. Tikkonfermaha inkwantu gew illiberati mit-tieni, it-tielet, ir-raba`, is-sitta u s-seba` (2,3,4,6 u 7) imputazzjoni dedotti kontra taghhom;
ii. Tirrevokaha in kwantu nstabu hatja tal-hames (5) akkuza dedotta kontra taghhom u minflok tillebrahom minn dik l-akkuza;
iii. Tvajaha fir-rigward tal-quantum tal-piena pekunjarja mposta fuqhom billi minflok timponi piena, ferm iktar miti, li tkun iktar taghmel ghac-cirkustanzi partikolari tal-kaz;
iv. Tirrevokaha u thassar l-ordni li tat l-ewwel Qorti taht l-artikolu 56(2) tal-Kap 356, u l-artikolu 94(2) tal-Kap 506 illi huma jnehhu l-kawzi tar-reat;
v. B' mod sussidjarju, jekk ir-raba` talba ma tigix akkolota tvarja dik l-istess ordni billi tipprospetta wkoll il-possibilita` li fit-terminu ta' tliet xhur mid-data tas-sentenza, u minflok ma jreggghu kollox ghall-istat originali tieghu, tordnalhom jikkonfernaw rwiehhom mal-kundizzjonijiet tal-permess eventwalment mahrug lilhom mill-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża nklużi l-provi kollha prodotti quddiem l-ewwel Qorti fosthom id-depożizzjonijiet tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti, rat ir-risposta tal-Avukat Generali ghar-rikors tal-appell u r-replika tal-imputati appellanti;

**5.** Il-fatti jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

Fis-6 ta' April 2011 zewg enforcement officers tal-Awtorita' ta' Malta tal-Ambjent (MEPA) ghamlu rapport l-ghassa tar-Rabat li fuq struzzjonijet li kienu rcevew kienu aktar kmieni ghamlu spezzjoni fl-inhawi tal-Muxi, fil-Qala Ghawdex u minkejja li ma raw l-ebda dumping isir fil-prezenza taghhom huma nnotaw li kienet area kbira affetwata li fiha kien sar dumping fl-ahhar tnax-il xahar u dan kien jidher minn terrapien li kien hemm u li kellu haxix fuqu u minn terrapien iehor li kien jidher li kien ghadu frisk. Wara li saru l-investigazzjonijiet mehtiega l-imputati appellanti tressqu akkuzati kif inghad.

**Ikkunsidrat:**

**6.** L-aggravji tal-appellanti jikkonsistu sostanzjalment fis-segwenti:

1. **<u>L-ewwel aggravju</u>** jikkoncerna s-sejbien ta' htija tal-hames imputazzjoni u dan ghaliex:

(a) hu zbaljat dak li jidher hu l-hsieb tal-ewwel Qorti li kull tfiegh ta' hamrija f'post accessibbli ghall-pubbliku jammonta ghal tfiegh ta'skart u dan ghaliex ghalkemm f'certi cirkostanzi t-tfiegh ta' hamrija jista' jikkostitwixxi r-reat ta' tfiegh ta' zibel dan ma jfissirxx li kull depozitu ta' hamrija awtomatikament u ipso jure jikkostitwixxi rimi ta' zibel peress li huwa mehtieg li jigi ezaminat ukoll l-iskop li ghalih ikun sar dak id-depozitu, u aktar importanti, l-uzu li effettivament ikun sar minn dik il-hamrija.

(b) minn qari tad-definizzjoni ta' 'zibel' li tinstab fl-Avviz Legali 344/2005, u iktar u iktar minn qari ta' dak l-att legizlattiv fl-intier tieghu, jirrizulta li l-iskop tal-legislatur huwa dak li jipprevjeni t-tfiegh ta' kull tip ta' materjal li jista`, jew min-natura tieghu jew mic-cirkostanzi li fihom ikun sar dak it-tfiegh, "tikkawza jew izzid id-dehra mhawwda ta' dak il-post jew li tikkawza effett b'mod li ggib dannu ghall-uzu xieraq tal-post jew li tista`, b'mod generali, zzid ir-riskju ta' periklu ghas-sahha jew ghall-ambjent ghall-pubbliku jew ghall-ambjent ta' madwar, jew li tista` tkun haga li ddejjaq lill-pubbliku".

(c)in vista tal-kliem "sakemm dak id-depozitu u t-thollija ma jkunux awtorizzati b'ligi" uzat fir-regolament 4 msemmi, hu eskluz mill-projbizzjoni tal-istess regolament kull depozitu u thollija li jkunu saru b'awtorizzazzjoni tal-ligi u dan kien il-kaz tal-appellanti peress li fil-kaz taghhom il-garr tal-hamrija ghall-post fejn

sussegwentement intuzat sabiex jithawwlu s-sigar gie awtorizzat fl-ezercizzju tal-poteri afdati mil-ligi lid-Direttur tal-Agrikoltura kif jirrizulta mill-permess li kien inhareg lilhom ghall-iskop imsemmi u ghalhekk anki jekk, ghall-grazzja tal-argument biss, l-uzu tal-hamrija da parti tal-esponenti jista' jitqies bhala 'depozitu' ta' 'zibel', tali depozitu ghandu fil-kaz odjern jitqies li sehh wara awtorizzazzjoni b'ligi u kwindi jiskappa mill-kamp tal-applikazzjoni tar-regolament 4.

2. **<u>It-tieni aggravju</u>** tal-appellanti jirrigwarda l-piena u jsostnu li:

(a) l-multa imposta giet hekk imposta in kwantu l-appellanti nstabu hatja ta' zewg imputazzjonijiet u ghalhekk jekk huma jigu liberati mill-hames imputazzjoni kif jippretendu din il-Qorti ghandha tiehu dan in kunsiderazzjoni u tnaqqas il-multa globali mposta mill-Ewwel Qorti, anki jekk, fil-veritá, il-piena massima stabbilita taht ir-Regolament 4 tal-Avviz Legali 334/2005 hija ta' €232.93 biss;

(b) fi kwalunkwe kaz, l-multa komplessiva imposta fuqhom hija wahda gravuza zzejjed tenut kont tal-fatt li l-ghemil li tieghu nstabu hatja jikkonsisti filli huma hawwlu numru ta' sigar taz-zebbug f'territorju li qabel kien abbandunat u ma wettqux xi zvilupp edilizzju f'kampanja aperta imma biss ippruvaw isebbhu l-kampanja billi minflok it-terrapien imxerred li kien jezisti originarjament, sa minn qabel ma huma akkwistaw din l-art, jaghtu dehera aktar sabiha ta' sigar indigeni taz-zebbug

3. **<u>It-tielet aggravju</u>** jirrigwarda l-ordni tal-Qorti sabiex l-imputati jnehhu l-kawzi tar-reat u li jreggghu lura kull haga li tkun saret minghajr permess fi zmien tliet (3) xhur mid-data tas-sentenza u dan peress li l-prosekuzzjoni naqset milli tindika bi precizjoni l-istat ta' fatt originarjament fis-sehh fit-territorju taghhom qabel ma huma wettqu

r-reat ta’ zvilupp bla permess mentri huwa mehtieg li jigi stabbilit b’certezza l-istat ta’ fatt li ghalih huma ghandhom jirritornaw it-territorju taghhom altrimenti jekk l-esponenti sejrin jinsistu li huma obbligati biss li jnehhu dak li sar bla permess tal-bini u li ghalih kien rikjest permess tal-bini, min-naha l-ohra, huma jobsru li l-prosekuzzjoni ser tinsisti li l-esponenti jnehhu dak kollu li kien jifforma l-mertu anki tal-akkuzi li dwarhom huma gew illiberati. Dan sejjer inevitabbilment jinvolvi lill-esponenti fi proceduri gudizzjarji godda li, fil-fehma umli taghhom, setghu, u kellhom, jigu evitati billi l-prosekuzzjoni tressaq il-provi dwar ix-xogholijiet li twettqu minghajr permess fl-istadju tal-gbir tal-provi f’din il-kawza. L-Ewwel Onorabbli Qorti, imbghad, kienet fid-dover li fis-sentenza taghha tindika fid-dettal u bi precizjoni x’xogholijiet ghandhom jigu rimossi mill-esponenti u f’liema stat ghandu jithalla t-territorju tal-esponenti; ghaldaqstant jissottomettu li f’tali cirkostanzi, l-ordni moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti sabiex huma jnehhu ‘l-kawzi tar-reat’ sic et simpliceter ghandha tigi revokata u annullata.

4. **<u>Fir-raba’ aggravju</u>** taghhom, l-appellanti jissottomettu li d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 56(2) tal-Kap 356, u l-artikolu 94(2) tal-Kap 506 jipprovdu wkoll ghal-alternattiva li l-hati jkun jista’ jikkonforma ruhu mal-permess eventwalment mahrug lilu minflok ma jnehhi dak li jkun sar minghajr permess jew kontra l-permess: “jew li jhares il-kundizzjonijiet imposti fil-permess” u jirrilevaw li huma kienu applikaw ghal permess intiz sabiex jissanzjonaw it-thawwil tas-sigar taz-zebbug inkwistjoni u li fl-ahhar gimghat qabel l-appell l-affarijiet imxew sew u hemm prospettivi li jinhareg il-permess relatat sabiex jigi ssanzjonat it-thawwil ta’ dawn is-sigar u ghalhekk ikun kontrosens u kontroproduttiv li wara li ilhom fuq sentejn jistennew dan il-permess, issa li jinhareg il-permess, ikunu kostretti li jaqilghu dawn is-sigar sabiex imbghad ihawluhom mill-gdid u ghaldaqstant jitolbu lil din il-Qorti sabiex, prevja li jekk jidhrilha opportun, tisma’ lir-

rapprezentanti tal-MEPA limitatament dwar il-hrug tal-permess mitlub minnhom, tvarja l-ordni fis-sens li hija tordnalhom li jew inehhu x-xoghol li sar bla permess, jew inkella jikkonformaw ruhom mal-permess li evetwalment jinhareg favur taghhom.

**Ikkunsidrat:**

7. **<u>Dwar l-ewwel aggravju</u>**, jibda biex jinghad li r-regolament 4 tal-Avviz Legali 344/2005 jipprovdi kif gej:

> "Hadd ma jista' jarmi, jitfa', ihalli, jew xort'ohra iqattar jew jiddepozita xi zibel f'xi post pubbliku, triq, bahar, jew spazju fil-miftuh li ghalih il-pubbliku ghandu access, sakemm dak id-depozitu u t-thollija ma jkunux awtorizzati b'ligi:
>
> Izda ghall-fini ta' dan ir-regolament, l-Iskeda I li tinsab ma' dawn ir-regolamenti jelenka, izda mhux b'mod tassattiv, l-atti u n-nuqqasijiet li ghandhom jitqiesu li jkunu offiza ta' thollija ta' ziebel jew depozitu jew tixrid ta' oggetti skond dan ir-regolament."

8. Fir-regolament 2 tal-Avviz Legali imsemmi, imbghad, il-kelma "zibel" hi mfissra li tinkludi –

> "kull skart solidu jew likwidu, domestiku jew kummercjali, hwejjeg mormija, rdum jew laqx u minghajr ma tillimita l-generalita' tal-fuq imsemmijia tinkludi kull hgieg, metall, plastiku, karta, drapp, injam, ikel, *chewing gum*, cikka ta' sigarett, vettura mitluqa, recipjent, taghmir, jew makkinarju, shih jew f'bicciet, fdalijiet u qtugh tal-gnien, hamrija, ramel, blat tal-konkos jew kull materjal tal-bini iehor;
> u
>
> kull oggett, materjal jew sustanza ohra ddepozitata f'post pubbliku li tikkawza jew izzid id-dehra mhawwda ta' dak il-post jew li tikkwaza effett b'mod li ggib dannu ghal-uzu xieraq tal-post, jew li tista, b'mod generali, izzid ir-riskju ta' periklu ghas-sahha jew ghall-ambjent ghall-pubbliku jew ghall-ambjent ta' madwar, jew li tista tkun haga li ddejjaq lill-pubbliku."

**9.** Il-mira ewlenija tar-regolament 4 msemmi, ghalhekk, huwa z-“zibel” li hu mfisser fir-regolament 2 kif inghad. It-tifsira moghtija f’dak ir-regolament hija wahda inklussiva ghaliex tghid il-kelma “zibel” x’tinkludi u ghalhekk ma hix tifsira li teskludi hwejjeg ohra. Tali definizzjoni sservi sabiex twessgha t-tifsira ordinarja tal-kelma mfissra. It-tifsira ordinarja tal-kelma “zibel” hi demel, hmieg, kull ma jintrema u jinkines, kull haga li titqis bla siwi[1].

**10.** Id-definizzjoni ta’ zibel skont l-artikolu 2 fiha zewg partijiet. Bl-ewwel parti tat-tifsira msemmija it-tifsira ordinarja tal-kelma “zibel” giet estiza biex tinkludi “kull skart solidu jew likwidu, domestiku jew kummercjali, hwejjeg mormija, rdum jew laqx” (sottolinear tal-Qorti). Din l-estensjoni, ghalhekk, ma hix wahda miftuha ghal kollox izda hija limitata u kwalifikata bil-kelma “skart” u cioe’, il-materjal solidu jew likwidu, domestiku jew kummercjali irid jikkonsisti dejjem fi “skart” u ghalhekk f’materjal skartat, mormi, zejjed, mwarrab, abbandunat, mohli. Il-kliem l-iehor uzat f’din l-ewwel parti tat-tifsira, u cioe’ “hwejjeg mormija, rdum jew laqx” minnu nnifsu wkoll jimplika materjal skartat, mormi, zejjed, mwarrab, abbandunat jew mohli. Din l-ewwel parti tat-tifsira, imbghad, tkompli billi tghid li, minghajr ma tillimita l-generalita’ ta’ dak li nghad qabel, “zibel” tinkludi l-oggetti elenkati fil-kumplament tat-tifsira u cioe’, kull hgieg, metall, plastiku, karta etc.

**11.** L-effett komplessiv ta’ din l-ewwel parti tat-tifsira hu li l-kelma “zibel” giet estiza biex tinkludi b’mod generali kull skart solidu jew likwidu, domestiku jew kummercjali, hwejjeg mormija, rdum jew laqx imbghad it-tifsira issoktat billi illustrat, minghajr ma llimitat il-generalita’ tal-espressjonijiet ta’ qabel, dak li bl-estensjoni gie inkluz fit-tifsira. Dan ifisser li l-oggetti specifici elenkati f’din l-ewwel parti tat-tifsira huma wkoll tax-xorta ta’ skart u cioe’ jikkonsisti f’materjal skartat, mormi,

[1] Dizzjunarju Malti, Mario Serracino-Inglott

zejjed, mwarrab, abbandunat, mohli. Ghalhekk il-"hamrija" li ghaliha hemm riferenza f'din l-ewwel parti tat-tifsira trid tkun hamrija skartata, mormija, zejda, mwarrba, abbandunata, mohlija.

**12.** Fil-kaz ta' llum ma rrizultax li l-hamrija li nfirxet fil-wicc tal-art in kwistjoni kienet b'hekk qed tigi skartata, jew mormija, jew kienet zejda, mwarrba, abbandunata jew mohlija. Kienet hamrija utili u li qed tintuza proprju ghall-iskop li l-hamrija hi ntiza u cioe' sabiex fiha jigu mhawwla u koltivati hxejjex, pjanti jew sigar; fil-kaz ta' llum sigar taz-zebbug. Fil-fehma tal-Qorti l-hamrija in kwistjoni, ghalhekk, ma tikkwalifikax bhala "zibel" taht l-ewwel parti tat-tifsira ta' dik l-espressjoni skont ir-regolament 2 tal-Avviz Legali relevanti.

**13.** Il-hamrija in kwistjoni anqas tinkwadra bhala "zibel" taht it-tieni parti tat-tifsira taghha skont ir-regolament 2 imsemmi. Di fatti ma ngiebet ebda prova li l-hamrija mferrxa fuq l-art in kwistjoni b'xi mod ziedet id-dehra mhawwda tal-post jew ikkawzat xi dannu ghall-uzu xieraq tal-istess post jew minimament setghet izzid ir-riskju ta' periklu ghas-sahha jew ghall-ambjent ghall-pubbliku jew ghall-ambjent ta' madwar jew li setghet iddejjaq lill-pubbliku.

**14.** Peress li l-hamrija in kwistjoni fic-cirkostanzi li jirrizultaw pruvati ma kienetx tikkwalifka bhala "zibel" skont kif din l-espressjoni hi mfissra fir-regolamenti l-imputati ma jistghux jinstabu hatja tal-hames imputazzjoni u ghalhekk dan l-aggravju qieghed jigi milqugh u l-appellanti ser jigu liberati mill-hames imputazzjoni.

**15.** Tenut kont tal-konkluzjoni appena raggunta ma hemmx htiega li din il-Qorti tghaddi biex tikkunsidra l-aspetti l-ohra sollevati taht dan l-aggravju.

**16.** **<u>It-tieni aggravju</u>** jirrigwarda l-piena. L-ewwel parti ta’ dan l-aggravju huwa fis-sens li jekk l-appellanti jigu liberati mill-hames imputazzjoni, kif ser fil-fatt jigu liberati minnha fid-dawl tal-premess, din il-Qorti ghandha tiehu dan in kunsiderazzjoni u tnaqqas il-multa globali mposta. Fid-dawl tal-fatt li din il-Qorti laqghet l-ewwel aggravju u ser tillibera lill-appellanti mill-hames imputazzjoni din il-Qorti sejra tirriduci l-multa imposta u b’hekk din il-parti ta’ dan l-aggravju tal-appellanti qieghed jintlaqa’

**17.** Fit-tieni parti ta’ dan l-aggravju l-appellanti jsostnu li fi kwalunkwe kaz il-multa komplessiva imposta fuqhom hija wahda eccessiva. Il-gurisprudenza ta’ din il-Qorti dwar dan ix-xorta ta’ aggravju hija ben stabbilita fis-sens li din il-Qorti, bhala Qorti ta’ revizjoni, ma tiddisturbax l-apprezzament tal-ewwel Qorti ghal dak li jirrigwarda l-piena fejn din tkun taqa’ fil-parametri tal-ligi u sakemm dik il-piena ma tkunx wahda manifestament eccessiva jew ma jkunx hemm ragunijiet serji ohra li minhabba fihom din il-Qorti jkollha tintervjeni billi timmitiga l-piena erogata mill-ewwel Qorti. F’dan il-kaz ma jezistux ragunijiet tali u ghalhekk, salv dak premess dwar l-ewwel parti ta’ dan l-aggravju, din il-parti tat-tieni aggravju qieghed jigi michud.

**18.** Permezz **<u>tat-tielet aggravju</u>** l-appellanti jsostnu li l-ordni tal-ewwel qorti sabiex huma jnehhu l-kawzi tar-reat *sic et sempliciter* ghandha tigi revokata u annullata u dan peress li l-prosekuzzjoni naqset milli tindika bi precizjoni l-istat ta’ fatt originali qabel huma wettqu l-izvilupp minghajr permess waqt li l-ewwel Qorti naqset milli tindika fid-dettal u bi precizjoni x’xogholijiet ghandhom jigu rimossi mill-esponenti u f’liema stat ghandu jithalla t-territorju taghhom.

**19.** Din il-Qorti tosserva li l-ordni moghtija mill-ewwel Qorti hi fit-termini precizi rikjesti mill-ligi[2]. Inoltre, fil-kunsiderazzjonijiet taghha dwar l-ewwel imputazzjoni dwar l-izvilupp minghajr permess l-ewwel Qorti ddikjarat kjarament f'hix kien jikkonsisti l-izvilupp minghajr permess li tieghu l-appellanti kienu qed jinstabu hatja u cioe' "illi kien hemm gzuz mhux hazin ta' materjal, il-materjal li kien hemm twitta biex jigi wita' u b'hekk sar twettieh tal-art u jirrizulta wkoll li sar thawwil ta' sigar taz-zebbug. Dan sar minghajr permess". Inoltre mis-sentenza appellata jirrizultaw ukoll l-inhawi precizi fejn sar dan l-izvilupp bla permess fejn l-ewwel Qorti ghamlet riferenza ghaz-zewg avvizi ta' twettiq relevanti esibiti fil-process bhala Dok JA1 (fol. 17 *et seq*) u Dok JA2 (fol 19 *et seq*) li jinkludu s-*site plans*. Fil-fehma tal-Qorti s-sentenza apellata hi sufficjenti sabiex l-appellanti u l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistghu jirregolaw ruhhom in konnessjoni mal-ordni moghti minnha.

**20.** Dan l-aggravju ghalhekk ma hux sostnut u qieghed jigi respint.

**21.** Fir-**<u>raba' u l-ahhar aggravju</u>** taghhom l-appellanti jsostnu li l-artikoli 56(2) tal-Kap 356 u 94(2) tal-Kap 506 jipprovdu ghal-alternattiva li l-hati jkun jista' jikkonforma ruhu mal-permess eventwalment mahrug lilu minflok ma jnehhi dak li jkun sar minghajr permess jew kontra l-permess u jitolbu li din il-Qorti tvarja l-ordni tal-ewwel Qorti fis-sens li hija tordnalhom li jew inehhu x-xoghol li sar bla permess, jew inkella jikkonformaw ruhom mal-permess li evetwalment jinhareg favur taghhom.

**22.** L-artikoli 56(2) tal-Kap 356 u 94(2) tal-Kap 506, izda, ma jipprovdux ghal alternattiva fis-sens li jippretendu l-appellanti izda biss alternattiva "skont il-kaz". Dan ifisser li l-Qorti trid tezamina f'hix jikkonsisti r-reat imputat u taghti l-ordni opportuna skont xi jkun il-kaz. Jekk l-imputazzjoni li taghha jinstab hati l-imputat tikkonsisti filli ghamel

[2] Art. 56(2) Kap 356, art. 94(2) Kap. 504

zvilupp minghajr permess allura l-ordni opportuna f'dak il-kaz hi li l-hati inehhi l-kawzi tar-reat u li jregga lura kull haga li tkun saret minghajr permess. Jekk, minn naha l-ohra, l-imputazzjoni tkun tikkonisti filli l-imputat ikun ghamel zvilupp bi ksur tal-kondizzjonijiet imposti fil-permess ghal dak l-izvilupp allura f'dak il-kaz l-ordni opportuna hi li l-hati inehhi l-kawzi tar-reat u jhares il-kondizzjonijiet imposti fil-permess. Stante li f'dan il-kaz l-appellanti instabu hatja li ghamlu zvilupp bla permess l-ordni opportuna hija ghalhekk dik li effettivament tat l-ewwel qorti. Dan l-aggravju ghalhekk ma hux fondat sewwa u qieghed jigi respint ukoll.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tvarja u tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha f'dik il-parti fejn l-imputati nstabu hatja tal-hames imputazzjoni u minnha tilliberhom, u billi tvarjha in kwantu ghall-piena billi tirriduci l-multa imposta mill-ewwel Qorti u tikkundanna lill-imputati appellati multa ta' disghat' elef, seba' mija u seba' u sittin euro (€9,767) kull wiehed, u tikkonfermha fil-bqija b'dan li z-zmien ta' tlett xhur impost mill-ewwel Qorti li fih l-appellanti jridu jreggghu lura kull haga li saret minghajr permess jibda jiddekorri mil-llum

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------